MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2011

Numru 1199/2011

Il-Pulizija
(Spettur Jesmond Micallef)

vs

Mircea Remus Rostas

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 063694A, akkuzat talli:

- Nhar id-29 t' Ottubru 2011, ghall-habta tal-hamsa neqsin kwart ta' wara nofsinhar (16:45hrs), f'dawn il-Gzejjer u cioè minn gewwa l-fond Franks, li jinsab fi Triq Bisazza, Sliema, kkommetta serq ta' diversi fwejjah, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, u li sehh ghad-detriment ta' Andrew Abela u/jew ta' persuni ohra;

- Kif ukoll talli sar recidiv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenza mill-Qorti ta’ Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tisghax tigi mibdula jew mhassra;

- U finalment talli kkommettat reat waqt perjodu opperattiv tas- sentenza sospiza moghtija lilu nhar it-13 t’Awwissu 2011, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula;

Ghaldaqstant, filwaqt li qieghed nesebixxi l-fedina penali u animo ritirandi l-karta ta’ l-identita’ Maltija ta’ l-imsemmi Mircea Remus Rostas, nitlob li dan il-kas jigi nvestigat skond il-ligi.

Semghet l-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa’ jinsisti.

Rat l-atti u dokumenti kolha.

Ikkonsidrat:

l-akkuzi jittrattaw serq ta’ hames flixken fwieha ta’ ammont mhux maghruf li però’ jiswew globalment izjed minn € 233 izda mhux izjed minn € 2329.

L-imputat iregistra ammissjoni li hi wahda volontarja u inkondizjonata.

Jidher li r-refurtiva giet restitwita.

Rat is-sentenza ta’din il-Qorti diversament preseduta, li kienet ukoll titratta serq li fih l-imputat kien kompartecipi u fl- liema kien gie ikkundannat sentejn prigunerija sospiza.

F’din is-sentenza ma jidhirx li l-imputat gie avzat u spiegat lilu l-konsegwenzi ta’ sentenza sospiza u dan fil-fehma tal-Qorti ghandu jirrifletti fil-piena. Ghalhekk issib l-imputat hati tal -akkuzi odjerna.

Rat l-Artikolu 261 (c), 279 (i), 49u 50 tal-Kap 9.

Rat ukoll L-Artikolu 28B tac-citat Kap.

Tiddeciedi li titratta mieghu skond kif provdut fl-Artikolu 28 B(2) billi tbiddel l-ordni originali maghmul bis-sahha tas-subartikolu (1) ta’ L- Artikolu 28A u tbiddel l-perjodu operattiv ghall-wiehed ta’erba snin dekoribbli mill-lum.

Il-Qorti spiegat lill-imputat fl-lingwa li jifhem u fi kliem car r-responsabiltajiet tieghu f’kas li jikkommetti reat iehor f’dan il perjodu operattiv gdid ai termini tal-Artikolu 28A (4) tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------